MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 215/2012

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**John Bugeja**

iben Paul, imwieled Qormi fit-13 ta' Dicembru, 1966, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 16067(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat John Bugeja, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli bhala sid ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBB-334 (Truck) tal-marka 'Leyland' naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport ta' Malta (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

2. Gieghel, halla jew ippermetta lil William Bugeja jsuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBB-334 (Truck) tal-marka 'Leyland' minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3. Halla fit-triq l-uzu tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBB-334 (truck) tal-marka 'Leyland' meta sahhet il-volonta' tieghu sabiex haddiehor jaghmel delitt meta ippermetta lil William Bugeja jsuq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' April, 2012 fejn il-Qorti wara lliberatu mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi, sabitu hati fuq l-ewwel (1) akkuza u ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata billi –

(a) tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza;
(b) thassarha fil-parti fejn illiberat lill-imputat mit-tieni u t-tielet akkuzi;
(c) issibu hati wkoll tat-tieni u t-tielet akkuzi u tinfliggi kontra tieghu il-piena idoneja u komplessiva skont il-Ligi ghar-reati kollha li bihom gie akkuzat.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-20 ta' April l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, interalia, ghamlet enucazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih, kif ukoll li ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi meta rriteniet illi ma ngabet l-ebda prova li xi hadd ra lil William Bugeja jew persuni ohra isuqu l-vettura in kwistjoni u illiberatu mit-tieni u it-tielet akkuza u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 1-artikolu 63 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni mehuda mill-Avukat Generali fir-rigward ta' stqarrijiet maghmula minn persuni ndagati jew suspettati f'kaz ta' rilaxx ta' stqarrija minghajr id-dritt ta' konsulenza legali, l-esponent jissottometti li fil-kaz prezenti l-imputat appellat kien inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu, u dan kif jirrizulta mill-istqarrija inserita a fol 2 tal-process fejn l-imputat stess ikkonferma li qabel ma beda l-istqarrija huwa tkellem mal-avukat ta' fiducja tieghu.

Il-kwistjoni ghalhekk f'dan il-kaz hija li l-Qorti skartat kompletament l-istqarrija rilaxxata mill-imputat appellat, maghmula quddiem il-pulizija, u wara li huwa tkellem mal-avukat ta' fiducja tieghu. Illi madanakollu jibqa' l-fatt li l-imputat ghamel konfessjoni nkondizzjonata u li ghamilha liberament. Il-ligi Maltija, fil-Kodici Kriminali, tipprovdi regola semplici u sagrosanta li tghid :-

658. Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.

Bid-dovut rigward, l-enfazi ta' din il-Ligi semplici u ordinarja hija li konfessjoni, maghmula ma' min u fejn maghmula, diment li hija maghmula b'mod hieles, u diment li tkun maghmula skont dan l-artikolu, ghandu jkollha s-sahha ta' prova favur jew kontra dak li jkun ghamilha.

Illi, in oltre, ta' min jirrileva li f'dawn il-proceduri xehdu wkoll tlett xhieda ohra, ossia l-Ispettur Ramon Mercieca, Stephen Cachia (D.L.O) u Charles Zerafa (Rapprezentant tal-Waste Serve), li kkonfermaw rispettivament l-investigazzjonijiet illi saru, li 1-vettura in kwistjoni ma kellix licenzja ghat-triq u ma kinetx assikurata fil-perjodu relattiv ghal dawn l-akkuzi u li l-trakk in kwistjoni baqa' jidhol fuq xoghol fl-istess perjodu.

Illi ghalhekk bid-dovut rispett il-Qorti tal-Magistrati (Malta) naqset li tqis il-provi kollha migjuba quddiemha kif kien pretiza li taghmel skont il-ligi, u liema nuqqas wassal ghall-liberazzjoni ngustifikata tal-appellat li finalment kien liberament ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrih. Din l-ammissjoni tibqa' li hi u

ghandha tigi meqjusa bhala tali. In-nuqqas ta' apprezzament tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u il- konkluzjonijiet ghas-sentenza liberatorja tieghu ndubjament ma jirrapprezentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti u interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tal- ipotezi tal-Ligi li kwindi ma jiggustifikawx il-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-akkuzi meritu ta' dan l-appell huma ghall-perjodu ta' Novembru, 2011 u Dicembru, 2011. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellat John Bugeja huwa s-sid tal-vettura hawn fuq imsemmija u mir-records ezebiti a fol 5 tal-process jirrizulta li fil-perjodu msemmi u cioe' Novembru u Dicembru tas-sena 2011 il-vettura (truck) ma kellhu licenzja mgedda. Dan ifisser li t-truck kien qed jigi misjuq fit-triq minghajr licenzja valida.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-truck hawn fuq imsemmi kien qed jinsaq minn hu l-appellat William Bugeja.

Illi mill-istqarrija ta' John Bugeja jirrizulta li bi zvista t-truck in kwistjoni ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ghal terzi persuni. Tali stqarrija giet rilaxxata wara li l-appellat kien kellem l-avukat ta' fiducja tieghu. Kwindi tali stqarrija hi valida u ammissibbli skont il-ligi.
Minbarra dan, hu kien stqarr li huh, William Bugeja, kien awtorizzat biex isuq dan it-truck.

Illi hu veru li William Bugeja ma offriex ix-xhieda tieghu f'dan il-kaz. Madankollu, mill-istqarrija ta' l-appellat jirrizulta li William Bugeja kien qed isuq it-truck fil-perjodu meritu ta' dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat John Bugeja hati tal-ewwel akkuza. Thassar u tirrevoka l-bqija tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet lil John Bugeja mhux hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu. Issib lill-appellat John Bugeja hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu. Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400). Din il-Qorti mhix ser tissospendi l-licenzj tas-sewqan billi meta gie nterrogat mill-pulizija t-truck kien 'in regola', u deher car li dan kien lapsus da parti ta' John Bugeja u is-sospensjoni tal-licezja jfisser it-telf tal-impieg tieghu.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------